MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 351/2010

Jonathan De Bon (Id. 244394).

Vs

Gismalla Adam Ahmed (Id. 22755A) u martu Intesar Bashir (Id. 22756A) u Africom Malta Limited (C28835)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob illi l-intimati jigu kkundannati jhallsu s-somma ta’ €1809 jew somma ohra verjuri rapprezentanti kirjiet dovuti minnhom mill-25 ta’ Awissu 2009 sat-30 ta’ Jannar 2010, u €1493 rapprezentanti kontijiet tad-dawl u ilma, b’total ta’ €3,302 rigwardanti l-post bl-indirizz Helena Flats 4, Emanuele Galizia Street, Ta’ Xbiex. Bl-ispejjes inkluz l-ittra bonarja u l-mandat ta’ sekwestru, kif ukoll l-imghax kontra l-istess intimati ngunti ghas-subizzjoni.

Sema x-xhieda ta’ l-attur Jonathan De Bon.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi l-attur ipproduca l-provi kollha mehtiega in sostenn tat-talba tieghu, kemm permezz tax-xhieda moghtija minnu stess, kif ukoll permezz ta' provi dokumentarji.

Illi mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi. Oltre dan, il-konvenut ma pproduca l-ebda provi li b'xi mod ghandhom iwasslu lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talba attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuti jhallsu s-somma ta' tlett elef, tlett mija u zewg ewro (€3,302.00), flimkien ma l-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------